**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 54/2020 JZM**

**APS Bank plc (C2192)**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-2 ta` Ottubru 2020 li jaqra :–

*Illi r-Registratur intimat hareg avviz datat it-2 ta` April 2020 (kopja hawn annessa bhal Dok. A) li permezz taghha informa li :*

*"Notice is hereby given by the Registrar of Companies, in terms of subsection (2) of Section 325 of the Companies Act, 1995, that the under-mentioned companies shall be deemed to be dissolved and their name shall be stuck off the register, at the expiration of three months from the date of this notice, unless cause is previously shown to the contrary.*

*The assets of the said companies shall devolve upon the Government of Malta once their name is struck off the register."*

*Illi fost il-kumpaniji elenkati fl-avviz hawn fuq imsemmi u hawn anness bhala Dok. A, hemm inkluza s-socjeta` H D Holdings Limited (C29720), l-isem ta` liema socjeta` gie fil-fatt imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji nhar it-2 ta` Lulju 2020 kif jirrizulta mill-estratt mir-registru tal-kumpaniji hawn anness bhala Dok. B.*

*Illi l-bank rikorrent hu kreditur tal-imsemmija socjeta` H D Holdings Limited (C29720) fl-ammont ta` sitt mija u hamest elef, tliet mija u sittin ewro u erbgha u disghin centezmu (€605,360.94), oltre l-interessi mill-31 ta` Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet APS Bank Limited (C2192) vs HD Holdings Limited (C29720), Ronald Azzopardi (I.D. 700661M) u Mariella Azzopardi (I.D. 739262M) moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta` Novembru 2009 (Cit. Nru. 169/2005 LFS), kopja hawn annessa bhala Dok. C, liema sentenza ma gietx appellata u ghalhekk tikkostitwixxi res judicata fil-konfront tas-socjeta` in kwistjoni, H D Holdings Limited (C29720).*

*Illi in oltre, permezz ta` sentenza moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta` Marzu 2015 fl-ismijiet APS Bank Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C2192 vs HD Holdings Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-29720; Mario Galea Testaferrata u b`digriet tal-20 ta` Jannar 2009 l-atti tal-kawza qed jigu trasfuzi minn fuq Mario Galea Testaferrata favur l-esponenti Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata; Ronald Azzopardi u Mariella mart l-istess Ronald Azzopardi ghal kull interess li jista` jkollhom (Cit. Nru. 901/2007 AF), kopja hawn annessa*

*bhala Dok. D, il-Qorti laqghet it-talbiet tal-bank rikorrenti bil-mod segwenti :*

*1. Tilqa` l-ewwel talba ta` APS Bank u tiddikjara li l-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood datat 25 ta` Frar 2004, in kwantu s-socjetà konvenuta HD Holdings Limited ikkostitwiet ruhha bhala garanti ta` dejn tal-konvenut Ronald Azzopardi favur il-konvenut l-iehor Mario Galea Testaferrata, u tat garanzija konsistenti f`ipoteka generali fuq il-gid taghha kollu, prezenti u futur, u ipoteka specjali fuq iz-zewg farmhouses b`entratura komuni bin-numru ufficjali mija u tnejn u hamsin (152) wahda bl-isem "Ta` Giuseppa" numru mija tnejn u hamsin A (152A) u l-ohra bl-isem "Ta` Gianni" bin-numru mija tnejn u hamsin B (152B), fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, bil-gonna annessi, sar bi frodi tad-drittijiet tas- socjetà attrici kif nascenti mill-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 24 ta` Novembru 2003.*

*2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-iskrizzjonijiet tal- ipoteka generali fuq il-beni kollha tas-socjetà konvenuta, prezenti u futuri, u tal-ipoteka specjali fuq iz-zewg farmhouses iktar `l fuq deskritti fir-Registru Pubbliku ta` Ghawdex permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 401/04 u fir-Registru Pubbliku ta` Malta permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 3558/04 u r-registrazzjoni tal- istess ipoteka specjali mar-Registru tal-Artijiet jilledu u jippregudikaw tali drittijiet tas-socjetà attrici.*

*3. Tilqa` t-tielet talba u tordna li l-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood datat 25 ta` Frar 2004, in kwantu s-socjetà konvenuta ikkostitwiet ruhha bhala garanti ta` dejn tal-konvenut Ronald Azzopardi favur il-konvenut l-iehor Mario Galea Testaferrata, u tat garanzija konsistenti f`ipoteka generali fuq il-gid taghha kollu prezenti u futur u ipoteka specjali fuq iz-zewg farmhouses iktar `l fuq deskritti u l-konsegwenti iskrizzjonijiet tal-ipoteka generali fuq il-beni kollha tas-socjetà konvenuta, prezenti u futuri, u l-ipoteka specjali fuq l-imsemmija zewg farmhouses iskritti fir-Registru Pubbliku ta` Ghawdex permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 401/04 u fir-Registru Pubbliku ta` Malta permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 3558/04 u r-registrazzjoni tal-imsemmija ipoteka specjali mar-Registru tal-Artijiet bin-Numru ta` Referenza LRC115/04, jigu rexissi u kancellati skont il-kaz u dikjarati nulli u bla effett fil-Ligi.*

*4. Tilqa` r-raba` talba u tahtar lin-Nutar Sean Critien biex jippubblika l-Att ta` rexissjoni u kancellament relattiv tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood datat 25 ta` Frar 2004, in*

*kwantu s-socjetà konvenuta HD Holdings Limited ikkostitwiet ruhha bhala garanti ta` dejn tal-konvenut Ronald Azzopardi favur il-konvenut l-iehor Mario Galea Testaferrata, u tat garanzija konsistenti f`ipoteka generali fuq il-gid taghha kollu prezenti u futur u ipoteka specjali fuq iz-zewg farmhouses b`entratura komuni bin-numru ufficcjali mija u tnejn u hamsin (152) wahda bl-isem "Ta` Giuseppa" numru mija tnejn u hamsin A (152A) u l-ohra bl-isem "Ta` Gianni" bin-numru mija tnejn u hamsin B (152B), fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, bil-gonna annessi u tal-konsegwenti iskrizzjonijiet tal-istess ipoteka generali u ipoteka specjali iskritti fir-Registru Pubbliku ta` Ghawdex permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 401/04 u fir-Registru Pubbliku ta` Malta permezz ta` Nota ta` Iskrizzjoni bin-Numru 3558/04, fl-4 ta` Mejju fl-10.00am fil-bini tal-Qorti kif ukoll sabiex jesegwixxi l-formalitajiet kollha mehtiega mar-Registratur tal-Artijiet sabiex l-istess kancellamenti jigu debitament annotati fir-Registru tal-Artijiet bil-mod preskritt mill-Ligi; u tinnomina lil Avukat Dr Josette Grech biex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess Att.*

*L-ispejjez jithallsu mill-intimati in solidum.*

*Illi whud mill-intimati f`dik il-kawza u cioe` Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata appellaw mis-sentenza imsemmija, liema appell issa jinsab differit ghat-trattazzjoni ghal nhar it-12 t`Ottubru 2020 (kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. E), liema appell naturalment issa gie stultifikat mill-fatt li l-isem tas-socjeta` in kwistjoni H D Holdings Limited (C29720) gie imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

*Illi ghalhekk, il-bank rikorrent hu kreditur li jinsab pregudikat u aggravat, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, bil-fatt li l-isem tal-kumpanija in kwistjoni H D Holdings Limited (C29720) gie imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji u kwindi fl-umli opinjoni tal-bank rikorrent din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-imsemmija socjeta` H D Holdings Limited (C29720) jerga` jidhol fir-registru tal-kumpaniji, kemm sabiex it-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi li l-bank rikorrent ghandhu kontra l-imsemmija socjeta` H D Holdings Limited (C29720) ikun jista` jigi ezegwit fil-kontront tal-istess socjeta` u kif ukoll sabiex l-appell hawn fuq imsemmi jkun jista` jitkompla.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta` hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-bank rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` H D Holdings Limited (C29720) fir-registru tal-kumpaniji, b`dan li l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru.*

*2. Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji.*

*3. Jekk ikun mehtieg, taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta` H D Holdings Limited (C29720) u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-istess socjeta` ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fid-29 ta` Ottubru 2020 li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija H D Holdings Limited (C 29720) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ("Registru") fl-14 ta` Mejju 2002;*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar prospett annwali li ntbaghat igib id-data tas-sena 2009;*

*Iktar minn hekk, il-kumpannija in kwistjoni qatt ma baghtet xi tip ta` kontijiet annwali ghar-registrazzjoni;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-ufficali taghha (annessi u mmarkati bhala Dok. `A`, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga mir-Registratur) sabiex javza illi l-isem tal-kumpannija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx;*

*Illi konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, l-esponent ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz fuq website mizmuma minnu u f` gazzetta li tohrog kuljum. Madankollu fit-terminu preskritt mil-ligi, la l-kumpannija, lanqas id-diretturi taghha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru. Ghalhekk l-esponent mexa sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Registru b`effett mit-2 ta` Lulju 2020;*

*Illi kif jidher car mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu bizzejjed zmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avvizi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illli kellu sabiex l-isem ta` din il-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru, izda dan baqa` inadempjenti;*

*Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru bhala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista` jinghata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru, ir-responsabbilita` tal-kumpannija u kull ufficjal u membru taghha ghandha tkompli u tista` tigi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma kien qatt thassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-Registratur japprezza illi meta f`kaz bhal dan, ikun kreditur illi jkun qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerga` jitpogga lura fuq ir-Registru, dina l-Onorabbli Qorti m` ghandha l-ebda kontroll fuq l-agir tal-kumpannija. Dan ghaliex l-isem tal-kumpannija jkun qieghed jerga` jitpogga fuq ir-Registru semplicement ghall-beneficcju tal-kreditur. Ir-Registratur jixtieq umilment jissolleva, illi f`hafna kazijiet bhal dan tal-lum, il-kreditur jaghzel li jaghmel rikors il-Qorti sabiex jerga` jitqieghed lura fuq ir-Registru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpannija ma jkollha ebda assi.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpannija in kwistjoni timmeritax illi tidhol lura fuq ir-Registru. Ir-Registratur m` ghandux oggezzjoni ghal dan u ghalhekk lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-pozizzjoni illi jezercita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bhala kreditur tal-kumpannija msemmija. Filwaqt illi r-Registratur ma jispiccax b`kumpanniji li m`humiex in regola mal-Att fuq ir-Registru ghal zmien indefinit.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Semghet ix-xiehda ta` Marvic Gauci fl-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2020, u rat id-dokumenti li kienu prezentati mix-xhud.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. Ir-Registratur ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija H D Holdings Limited (C 29720) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Il-bank rikorrent qieghed jitlob li dak l-isem jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.**

Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta` l-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li*

*ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta` l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-*

*responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## III. <u>Risultanzi</u>

Tghid mill-ewwel illi unikament konsegwenza ta` l-imgieba tal-kumpannija H D Holdings Limited (C 29720) ir-Registratur intimat kellu raguni bizzejjed biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tghid illi hija sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325 u ghax il-kumpannija baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

Tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha li f`dawk it-tliet xhur iridu jissodisfaw lir-Registratur illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir. Jekk dawn jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat kontra l-kumpannija u l-isem jithassar *ipso jure*.

It-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex mahsub sabiex jolqot il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325. Ghalhekk membru **<u>jew</u>** kreditur tal-kumpannija **<u>jew</u>** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325. Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat kontra taghhom. Dment illi dawn il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu

jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

**Ghalhekk is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma <u>distinti</u> ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.**

Fuq il-pjan fattwali, il-bank rikorrent mhux jikkontesta l-korrettezza tal-agir tal-intimat.

Fix-xiehda tieghu Marvic Gauci sostna l-fondatezza tar-ragunijiet tal-bank ghaliex istitwixxa l-procediment odjern billi kkonferma l-fatti li huma mfissra fil-kawzali tar-rikors promotur, u bir-relattiva konferma tieghu tad-dokumenti li kienu prezentati, kemm mar-rikors promotur kif ukoll waqt l-udjenza tal-14 ta` Dicembru 2020, il-qorti tinsab sodisfatta li l-bank rikorrent mhux biss huwa **<u>kreditur</u>** tal-kumpannija li isimha thassar mir-registru ghaliex kien silifha flus, ghal liema self ghamlet tajjeb b`ipoteki generali u specjali fuq propjeta` taghha, izda huwa **<u>kreditur</u>** taghha ghall-fini tal-kawza (i.e. l-actio pauliana) li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell ghal liema kawza hemm referenza fir-rikors promotur.

B`hekk bil-fatt li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru l-bank rikorrent certament ikun jista` mhux biss jissokta bil-kawza li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, liema kawza tirrigwarda **<u>direttament</u>** il-kumpannija de qua **<u>wkoll</u>**, izda jipprocedi kontra l-kumpannija debitrici ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li diga` ghandu kontra l-kumpannija de qua. B`hekk it-tqeghid mill-gdid tal-isem tal-kumpannija debitrici fir-registru jkun jissarraf f`att ta` gustizzja sostantiva. Ghalhekk ukoll ikun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi tal-intimat, il-qorti sejra tipprovdi li l-isem tal-kumpannija de qua ghandu jerga` jidhol fir-registru ghal perjodu ta` zmien li m`ghandux jaqbez is-sentejn (2) u sitt xhur (6) b`effett miz-zmien li se jissemma aktar `il quddiem. Qeghda tistabilixxi dan iz-zmien ghaliex l-*actio pauliana* tinsab ghat-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell <u>kif ukoll</u> ghaliex il-bank rikorrent diga` ghandu sentenza favur tieghu li saret res judicata ghar-rigward tas-self.**

**Il-qorti tishaq illi l-bank rikorrent ghandu jqieghed bhala prijorita` l-htiega li jagixxi b`heffa sabiex jirkupra l-kreditu tieghu b`ezekuzzjoni effettiva tat-titolu ezekuttiv.**

**Il-qorti trid tassikura ruhha li l-bank rikorrent jagixxi fil-pront in tutela tal-interessi tieghu ghaliex ma ghandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem tal-kumpannija debitrici jerga` jidhol fir-registru din tal-ahhar sejra tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-Kap 386.**

**Huwa dmir ewlieni tal-qorti li fl-applikazzjoni tal-ligi tfittex bilanc gust.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti, bl-applikazzjoni tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**1. Tiddikjara ruhha sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija H D Holdings Limited li kien abbinat man-Numru ta` Registrazzjoni C29720 jerga` tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija H D Holdings Limited li kien abbinat man-Numru ta` Registrazzjoni C29720 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien sentejn (2) u sitt (6) xhur b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skont kif sejjer jinghad.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat (7) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qorti jikkonsenja lilu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija H D Holdings Limited li kien abbinat man-Numru ta` Registrazzjoni C29720 fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija H D Holdings Limited li kien abbinat man-Numru ta` Registrazzjoni C29720 fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija H D Holdings Limited (C29720) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lill-bank rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-proceximent, inkluzi l-ispejjez ghall-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**